DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 181959** **14.09.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ombudsman jippreżenta l-'Ombudsplan' għas-sena 2019 lill-Ispeaker***

L-Ombudsman Parlamentari Anthony Mifsud ippreżenta lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia kopja tal-*Ombudsplan* għas-sena 2019 kif mitlub mill-Att tal-1995 dwar l-Ombudsman.

Permezz ta' dan id-dokument l-Ombudsman jipprovdi lill-Kamra rendikont tax-xogħol li jkun sar u li qed isir mill-uffiċċju tiegħu kif ukoll jagħti ħjiel ta' dawk l-impenji li l-istess uffiċċju jkun beħsiebu jidħol għalihom matul is-sena 2019.

L-*Ombudsplan* iservi wkoll biex jiġu allokati l-fondi lill-Ombudsman li skont il-Kostituzzjoni hu uffiċjal tal-Parlament. Dan il-proċess jirrikjedi l-konsiderazzjoni tad-dokument mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra biex wara jgħaddi għall-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**